**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 416/2022 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**DP**
**U**
**MP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 2 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu fil-hamsa ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05/07/2002)[Dok.A], mil-liema zwieg ghandhom zewgt itfal, HP li twieldet f'X u EP li twieled f'Y.*

2. *Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-14 ta' Gunju 2022, fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa [Dok. B];*

3. *Illi kif dikjarat fil-kuntratt tas-separazzjoni il-partijiet ilhom separati de facto minn Jannar 2022, u ghalhekk ilhom aktar minn sitt xhur separati de facto. Ma hemm l-ebda prospett ragnoevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti. Inoltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavits rispettivi taghhom ezebiti bhala Dok C. u Dok. D.*

4. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntratta bejn l-esponenti fil- 5 ta' Lulju, 2002;*
2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-partijiet datata 30 ta' Awwissu 2022, li permezz taghha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 20);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DP xehed** (vide affidavit Dok C, fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 ta' Lulju 2002 u li minn dan iz-zwieg twiedu zewgt itfal illi ghandhom minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Gunju 2022 fl-atti tan- Nutar Dr Clyde La Rosa izda l-attur kkonferma illi l-partijiet kienu ilhom separati de facto sa minn Jannar 2022. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**MP xehdet** (vide affidavit Dok D, fol 16) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Lulju 2002 liema zwieg jgib certifikat numru 1141/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4.) Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa nhar l-14 ta' Gunju 2022 (vide Dok B fol 5 et seqq.) , izda ilhom separati de facto sa minn Jannar 2002. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1141/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**